# IL-ĦAMES PARTI
# L-EWWEL SEZZJONI
# APPELLI KRIMINALI
# (Sede Superjuri)

**7 Ta' Frar, 1991**

**Imħallfin**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Herrera BL. Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Ir-Repubbliika Ta' Malta
*versus*
Dr. Lawrence Pullicino

**Spergur - Ġurament Falz - Korruzzjoni ta' Xhud -Subornazzjoni - Traskrittur - Traskrizzjoni - Xhieda -Reġistrazzjoni b'mezzi Elettro Manjetiċi - Firma -Kumpilazzjoni - Dipartiment - Privileġġ tal-Files -Esebizzjoni ta'**

*Ir-reat ta' subornazzjoni jew korruzzjoni ta' xhud huwa limitat għall-meta dak ix-xhud jkun xehed f'kawża ċivili jew kriminali. Il-proċeduri tal-istruttorja ma humiex kawża kriminali u għalhekk ma hemmx il-figura tar-reat fuq imsemmi meta x-xhud li jiġi korrott jkun xehed biss fl-istruttorja.*

*Id-dokumenti fil-'proces verbal' li ma jkunux ġew iffirmati mit-traskrittur fuq kull faċċata tagħhom huma ammissibbili. L-artikolu tal-liġi li jirrikjedi li kull paġna tat-traskrizzjoni għandha tiġi ffirmata mit-traskrittur mhix applikabbli għall-kumpilazzjoni.*

***Il-files tad-Dipartiment tal-Gvern huma produċibbili bħala prova f'kawża kriminali u m'humiex koperti minn privileġġ. L-artikolu tal-proċedura ċivili ma japplikax fil-kawżi kriminali, u mhux leċitu li ssir anoloġija mad-dritt pubbliku ingliż biex tiġi asserita l-assistenza ta' tali privileġġ la darba dan ma ġiex provdut fil-Kodiċi Kriminali.***

Ikkunsidrat:

Il-Qorti:- Din hi sentenza waħda fuq żewġ appelli, wieħed ta' Dr. Lawrence Pullicino u l-ieħor tal-Avukat Ġenerali, minn sentenza tal-Onorabbili Qorti Kriminali mogħtija fis-16 ta' Mejju 1990,

*Omissis;*

Rat l-atti l-oħra kollha rilevanti u opportuni;

Issa l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħti s-sentenza preliminari tagħha fir-rigward tal-eċċezzjonijiet u tax-xhieda;

Il-Qorti sejra taqsam din is-sentenza f'żewġ partijiet, fl-ewwel parti sejra tħares lejn l-eċċezzjonijiet preliminari u fit-tieni parti titratta dwar ix-xhieda;

Ikkunsidrat fir-rigward tal-eċċezzjonijiet (a) (b) u (ċ) illi l-posizzjoni relattiva għal kull wieħed minn dawn il-paragrafi hija l-istess, il-għaliex id-differenza bejn dawk il-paragrafi u t-tliet kapi tal-akkuża, (ir-raba, il-ħames, u s-sitta) tinsab biss fiċ-ċirkustanza aċċidentali illi r-raba' kap jirreferi għall-ispettur Carmel Cassar, il-ħames kap jirreferi għal Gaetano Pace u s-sitt kap jirreferi għal John Mary Sciberras, altrimenti l-fatti huma

l-istess u l-akkuża relattiva għal dawk il-fatti hija ukoll l-istess. Issa f'dawn it-tlett kapi l-akkuża hija li l-akkużat huwa ħati ta' korruzzjoni ta' xhud u ċjoè talli fi proċedura kriminali ikkorrompa xhud, sabiex jagħti xiehda falza b'dan li x-xiehda falza ġiet mogħtija quddiem Maġistrat li kellu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament, b'dana ukoll li dak il-ġurament kien meħtieġ bil-liġi, u b'dan aktar li r-reat ta' korruzzjoni ta' xhud sar minn uffiċjal pubbliku li kellu jissorvelja biex ma jsirx dak ir-reat jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedih u l-eċċezzjoni fir-rigward ta' kull wieħed minn dawn il-kapi hija fis-sens tan-nullità tal-att tal-akkuża, għaliex dan qed jakkuża lill-esponent b'reat li ma jeżistix fil-liġi, u dan għaliex ir-reat ta' korruzzjoni ta' xhud jissussisti biss fi proċeduri ċivili jew kriminali skond l-artikolu 102 tal-Kap.9 u dawn ma jinkludux deposizzjonijiet mogħtija fil-kors tal-inkjesta maġisterjali, fejn ma hemmx l-element kontenzjus u l-artikolu 102 ċitat f'dan il-kap ma jista' qatt jiġi estiż għall-każijiet koperti bl-artikolu 102 tal-Kap.9;

Ikkunsidrat f'dan ir-rigward illi l-ewwel kwistjoni li tqum hija x'inhuma "proċeduri kriminali". Il-Qorti mingħajr l-inqas eżitazzjoni tiddikjara li kwalsijasi proċeduri li joħorġu taħt l-eżerċizzji kontemplati fil-Kodiċi Kriminali huma proċeduri kriminali, u issib li din il-fehma hija msaħħa fil-ġeneralità kollha u t-totalità kollha tagħha bl-artikolu 100 tal-Kodiċi Kriminali li llum jiddisponi f'dan is-sub-titolu (is-sub-titolu tlieta, fuq il-kalunnja, spergur, u ġurament falz) "proċeduri kriminali" tinkludi kull proċeduri skond l-Att tal-1970 dwar il-Forzi Armati ta' Malta; jekk proċeduri kriminali jikkontemplaw ukoll il-proċeduri taħt l-att tal-1970 dwar il-Forzi Armati ta' Malta, kemm aktar dawn il-proċeduri jikkontemplaw ukoll dawk il-proċeduri kollha li joħorġu mill-applikazzjoni tal-Kodiċi

Kriminali? Ma jistax ikun hemm xi dubju li l-inkjesta Maġisterjali hija proċedura li hija kontemplata u tkun eżerċitata ai termini tal-Kodiċi Kriminali (Kap.9) tal-Liġijiet ta' Malta;

Konsegwentament tifhem li r-reat jeżisti fil-liġi u fit-termini indikati fl-att tal-akkuża fil-kapi relattivi 4,5, u 6 fl-aħħar paragrafu ta' kull wieħed minn dawk il-kapi, infatti l-artikolu 102 jikkontempla korruzzjoni jew attentat ta' korruzjoni ta' xhud, perit jew interpretu fi proċeduri ċivili jew kriminali, l-artikolu 108 jikkontempla ġurament falz quddiem Maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu setgħa bil-liġi li jagħti l-ġurament;

Issa l-Qorti ssib li ma hemmx xi diverġenza jew konflitt bejn l-applikazzjoni tal-artikolu 102 u l-artikolu 108 tal-Kodiċi Kriminali peress li l-artikolu 108 jikkontempla "każi li m'humiex imsemmijin fl-artikolu ta' qabel ta' dan is-sub-artikolu." L-artikolu 102 jipprovdi għall-ġeneralità tal-kaz, l-artikolu 108 jikkontempla każ partikolari u konsegwentement tapplika hawnhekk ir-regola ġenerali u normali dwar l-applikabilità ta' dak li huwa ġenerali u dak li huwa partikolari fil-liġi;

L-artikolu 102 japplika fil-ġeneralità tiegħu, imma imbagħad peress li l-artikolu 108 qed jikkontempla kaz partikolari, dak il-kaz partikolari għandu jkun inkwadrat u kważi ingastat fl-artikolu 102 il-għaliex huwa il-każ partikolari u konsegwentement għandu r-rimedji speċifiċi u partikolari tiegħu li għandhom jipprevalu fuq il-kontenut ġenerali tal-artikolu 102, imma r-reat bħala reat jissussisti u jeżisti. M'hemmx dubju li r-reat jeżisti *kif l-akkużat huwa akkużat bih fl-att tal-akkuża*, u ċertament il-Qorti ma ssibx li hemm xi nullità fir-rigward tar-raba', il-ħames u s-sitt kapi sempliċement il-għaliex dan qed

jakkuża lill-esponent b'reat li ma jeżistix fil-liġi. Fit-trattazzjoni orali saret insistenza fuq l-utilità tas-*short title* tal-artikoli tal-liġi fl-interpretazzjoni tal-artikolu tal-liġi, peress li l-artikolu 108 għandu bħala titolu "ġurament falz" filwaqt li l-artikolu 104 u 105 għandhom bħala titolu l-kelma "sperġur". Il-Qorti tagħmilha ċara li s-*short title* ma hu ta' ebda utilità fl-interpretazzjoni tal-artikoli tal-liġi. It-titolu qiegħed biss biex jindika lill-qarrej fuq x'hiex se jaqra, iżda ma jorbot bl-ebda mod u ma hu ta' ebda utilità fl-interpretazzjoni tal-kliem tal-liġi. L-*interpretazzjoni tal-liġi tiddependi mill-kliem tal-liġi biss u mhux* mit-titolu tal-istitut jew tal-artikolu li jkun. Konsegwentement kwalsjasi argument bażat fuq kif is-*short title* jista' jgħin fl-interpretazzjoni tal-liġi, għandu jkun, kif qiegħed ikun, skartat;

Kemm m'hemmx konflitt bejn l-applikazzjoni tal-artikolu 102 u l-artikolu 108 tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta ċar mir-relazzjoni li tgħaddi bejn l-artikoli 104 u 105 iżda min-naħa u l-artikolu 108 mill-oħra. L-isperġur f'kawża kriminali hu kontemplat fl-artikoli 104 u 105 iżda fil-kors tal-proċeduri kriminali jeżistu ukoll sperġuri oħra li huma kontemplati fl-artikolu 108. Bil-piena partikolari kontemplati *għall-ispergur* hemmhekk ikkontemplati l-artikoli 108 jikkontempla l-piena għall-isperġuri partikolari l-oħra kollha kontemplati f'dak l-artikolu u jipprovdi piena inqas skond il-każ;

Il-kwistjoni tal-proċeduri kriminali ma tiddependix fuq dak li huwa kontenzjus jew mhux kontenzjus kif tindika l-eċċezzjoni sollevata mill-akkużat. Il-kwalità li proċeduri huma kriminali *kif* fissret il-Qorti, hija dik li tara l-proċeduri ħarġux mill-Kodiċi Kriminali jew le. Jekk saru in forza tal-Kodiċi Kriminali huma proċeduri kriminali li għalihom japplika is-sub-titolu 3 in

kwistjoni. Problema li tista' tinqala' u l-Qorti tħares lejħa *obiter* biss f'dan l-istadju hija sa fejn il-kapi erbgħa, ħamsa u sitta, jistgħu joqogħdu separatament flimkien peress illi del resto jidhru li jista' jkun li t-tlieta huma in esekuzzjoni tal-istess allegat ħsieb kriminuż. Hemm dan ċar però li t-tlett każi huma differenti, il-kap erbgħa, il-kap ħamsa u l-kap sitta jirrigwardaw tlett persuni differenti kif diġà ingħad, l-ispettur Carmel Cassar, l-ispettur Gaetano Pace u l-ispettur John Mary Sciberras u preliminarjament jidher li t-tlieta jistgħu joqogħdu, kull wieħed minnhom għalih; naturalment sta għal min għandu jiġġudika u salv dejjem l-indirizz lill-ġurati li jinstab li t-tlett każi jekk jinstabu pruvati, jistgħu *jkunu kontinwat tal-istess intenzjoni* kriminuża, imma dik f'dan l-istadju ma qamitx u l-Qorti ma tarax li għandha tiddeċidi xi ħaġa fir-rigward hija f'dan l-istadju. Konsegwentement il-Qorti ma tirraviża l-ebda nullità fil-kap erbgħa , fil-kap ħamsa u fil-kap sitta tal-att tal-akkuża;

La dan hu hekk, ma jidhirx opportun li l-Qorti tidħol fil-kwistjoni kollha prospettata fin-nota tal-akkużat dwar jekk kienx hemm xi reviżjoni mill-Kummissarju tal-Kodiċi Kriminali, fir-rigward ta' dan it-titolu u ta' dawn l-artikoli, fl-edizzjoni tal-1939 tal-Liġijiet ta' Malta, u jekk din setetx issir, peress li jidher abbundantement li l-liġi li kienet ħolqot, il-Kummissarju kienet tagħtu s-setgħa li "jagħmel tibdil jew emendi li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jagħmlu t-test rivedut tal-liġi jaqbel mat-test oriġinali". L-artikolu 7 tal-Ordinanza tal-1936 dwar Reviżjoni ta' Liġijiet Statutorji ta' Malta, hu li "l-edizzjoni riveduta titqies.....li hija u tkun, bla ma jista' jkun hemm kwistjoni fuq daqshekk *fil-Qrati kollha tal-ġustizzja u għall-finijiet kollha*, it-test waħdieni, tajjeb u awtentiku tal-ordinanzi, liġijiet u regolamenti li jkunu jseħħu fil-Gżira ta' Malta....(art. 7 (d))

b'mod li l-Kodiċi Kriminali llum huwa dak li hu u mhux il-każ li llum jerġgħu jinfetħu l-kwistjonijiet kollha possibbli u immaġinabbli sakemm ma jkunx jidher *prima facie* li l-Kummissarju fil-fatt għamel xi ħaġa li ma kellux awtorità fil-liġi li jagħmel, iktar u iktar meta fil-paragrafu (e) (i) tal-artikolu 4 ta' l-istess Ordinanza kien mogħti l-poter speċifiku: "li jsewwi l-iżbalji tal-grammatika u tal-istampa u żbalji oħra fil-kopji li hawn issa tal-ordinanzi u liġijiet, u għal dan l-iskop iżid, iħalli barra jew ibiddel kliem li ma jbiddilx is-sens tad-disposizzjoni tal-liġi";

Il-Qorti issa sejra tgħaddi biex tikkunsidra r-raba' u l-aħħar eċċezzjoni li kienet din "l-inammissibilità' ta' prova ta' dawk l-atti u l-folji kollha tal-*proċess verbal* dwar il-mewt ta' Nardu Debono li ma kienux "*a tempo debito*" iffirmati mit-traskrittur, u li ġew iffirmati biss, fl-aħħar seduta tal-kumpilazzjoni minkejja l-opposizzjoni tad-difiża u l-istess talba tad-difiża għall-istess sfilz tagħhom";

Jirriżulta li fil-*proċes verbal* kien hemm xi folji li ma kinux iffirmati kollha mill-uffiċjali responsabbli għat-traskrizzjoni tagħhom, għalkemm kienu debitament iffirmati fit-tmiem ta' kull xiehda in kwistjoni u kien sar rinviju bil-ħsieb li l-uffiċjali in kwistjoni jixhdu fuq il-materja u jiffermawhom fejn kien hemm il-firem neqsin (fol 2322 - datat 6 ta' Frar 1989). Xehdu l-uffiċjali inkarigati Noel Zammit (fol.2369 u 2378) u Albert Calleja (fol 2376);

Jirriżulta li fil-perijodu in kwistjoni l-istruzzjonijiet li kellhom dawn l-uffiċjali kien fis-sens li jiffirmaw fit-tmiem tax-xiehda u mhux fuq kull faċċata traskritta tax-xiehda mismugħa u dan

f'konflitt mad-disposizzjoni ċara tar-raba' inċiz tal-artikolu tlieta, tal-Att tal-1980 dwar it-Reġistrazzjoni Elettro - Manjetika tal-Proċedimenti (Att Numru XVI, 1980) li jgħid kategorikament:

"(4) it-traskrittur għandu jiffirma kull paġna tat-traskrizzjoni u għandu jagħmel dikjarazzjoni fit-tarf tagħha li hu fis-sewwa u fedelment u skond l-aħjar tagħrif u ħila tiegħu ittraskriva ir-reġistrazzjoni tat-tape." Il-Qorti tosserva mill-ewwel li dan l-inċiz ma jistipulax il-ħin u l-waqt meta l-firem in kwistjoni għandhom jsiru iżda mix-xiehda tal-uffiċjali inkarigati jirriżulta ċar li huma ċerti t-traskrizzjoni għamluha huma u li kienet tikkorrispondi mal-kontenut tat-*tapes* u li kienu iċċekkjaw dawk it-*tapes* u t-traskrizzjoni qabel mal-Maġistrat inkwerenti li kien debitament iffirma kif kellu jiffirma. U wara r-rinviju li saret riferenza għalih il-Qorti kienet awtorizzat lil dawn l-uffiċjali jiffirmaw il-paġni in kwistjoni (fol.2375) u b'hekk kienet saret ir-rettifika bl-aġġunta tal-firem neqsin;

Għal dawn il-motivi, fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ssib li ma hemm xejn li jagħmel dawn l-atti/folji inammissibbli u l-Qorti taċċetahom bħala validi għall-finijiet kollha tal-liġi u konsegwentament tirrespinġi din l-aħħar eċċezzjoni ukoll;

(b) It-tieni parti: ix-xhieda:

U issa il-Qorti sejra tgħaddi biex tiddeċidi il-kwistjonijiet rigwardanti x-xhieda mitluba mid-difiża (1) fuq it-talba biex jixhed ir-Reġistratur tal-Qrati biex jesibixxi l-proċess kriminali intier fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Vincent Debono"**. Il-Qorti innotat li fl-udjenza tal-14 ta' Lulju 1989, id-difiża illimitat it-talba għall-produzzjoni mir-reġistratur tad-

dikjarazzjonijiet tal-akkużat Vincent Debono kif ukoll ix-xiehda tas-Suprintendent Pace u Sciberras f'dak il-proċess. U dana biex tkun tista' tikkonfronta lil dawn it-tlett xhieda fil-proċess odjern mad-dikjarazzjonijiet li huma għamlu f'dak il-proċess. Wara li rat l-artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali (Kap.9),l-artikolu 637 (4) (Kap.12) (Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili), il-Qorti tilqa' t-talba f'dan is-sens billi tawtorizza lir-Reġistratur tal-Qorti, li fuq talba, ukoll verbali, tad-difiża jipprovdi lir-reġistratur ta' din il-Qorti biex jidħlu fil-proċess il-kopji ta' dawk id-deposizzjonijiet kollha li saru minn dawk it-tlett persuni f'dak il-proċess, biex kulħadd jkun jista' jikkontrolla ix-xiehda ta' dawk ix-xhieda f'dan il-proċess u dana mill-lum stess u mhux aktar tard minn ħmistax-il-jum qabel id-data li għalih il-ġuri f'dan il-proċess għandu jibda jieħu il-kors tiegħu;

(2) Dwar it-talba biex jixhed il-Kummissarju tal-Pulizija, Alfred Calleja, biex jesebixxi il-*police file* intier dwar Dennis Lyons u dak dwar il-mewt ta'Nardu Debono . Wara li rat l-artikolu 637 (3) Kap 12, (Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) u l-ġurisprudenza relativa għal dak l-artikolu u partikolarment il-każ klassiku **il-Pulizija vs Michael Schiavone,** (Appell Kriminali, per M. Caruana Curran, data 23/1/1976) il-Qorti tiċħad it-talba, salv li fi stadju opportun tal-ġuri il-Kummissarju tal-Pulizija jilqa' it-talba għall-produzzjoni ta' dawk il-*files* governattivi li huma, kif issejħilhom il-liġi, dokumenti privileġġjati, kif il-prosekuzzjoni irriteniet li jista' jsir fin-nota tagħha tal-20 ta' Ottubru (pg.8.para.(b));

(3) Dwar it-talba biex jixhed il-*Clerk of the House of Representatives* sabiex jesebixxi kopja uffiċjali tal-interpellanza u t-tweġiba parlamentari numru 3142; peress li din hi

*informazzjoni pubblika li tikkontjeni l-politika li biha l-awtoritajiet pubbliċi fil-mument kienu mexjin*, tilqa' it-talba, salv li fil-mument opportun dik l-informazzjoni tkun tidher rilevanti għal kaz;

(4) Il-partijiet qalbu dwar il-lista tax-xhieda mitluba mill-prosekuzzjoni u mitluba mid-difiża, "*caso mai*", il-prosekuzzjoni tiddikjara li tirrinunzja għalihom u għal fini kontemplat fil-verbal tal-14 ta' Lulju"

L-Avukat Ġenerali appella minn din is-sentenza;

*Omississ;*

Dr. Lawrence Pullicino appella mis-sentenza tal-Qorti Kriminali;

*Omississ;*

**Din il-Qorti wara li rat l-atti kollha rilevanti u opportuni u semgħet it-trattazzjoni sejra issa tiddeċidi ż-żewġ appelli u sejra l-ewwel tikkunsidra l-appell ta' Dr. Pullicino;**

L-ewwel aggravju tiegħu jirrigwarda iċ-ċaħda tal-ewwel Qorti tal-eċċezzjonijiet preliminari tiegħu tan-nullità tar-raba', tal-ħames u tas-sitt kapi tal-Att tal-Akkuża;

Brevement, s-sottomissjoni tal-appellant huma dawn li ġejjin:

(1) L-artikolu 102 ma jispeċifikax piena għall-ksur tad-

disposizzjoni tal-liġi fih kontenut u jirreferi għall-piena li jeħel dak li attwalment ikun ta' xiehda falza. X'jeħel dak li jagħti xiehda falza hu preskritt fl-artikoli 104 u 105 tal-Kodiċi Kriminali għar-rigward ta xhieda falza f'**kawża kriminali** u fl-artikolu 106 tal-istess Kodiċi għar-rigward ta' xiehda falza f'materja ċivili u fl-artikolu 107 tal-istess Kodiċi għall-periti li jirrelataw il-falz f'kawżi kemm ċivili u kemm kriminali;

(2) Fil-kaz in eżami, trattandosi ta' subornazzjoni ta' xhieda fi proċeduri kriminali li jfissru "**kawża**" jew "***trial***" kif jidher ċar mit-test antik tal-liġi bl-Ingliż u bit-Taljan, il-ħtija u l-grad tal-piena hija **marbuta** ma kemm hija il-piena li jeħel l-akkużat fil-proċeduri fejn ikun ġie maħluf il-falz. Imma fl-inkjesta maġisterjali ma jkun hemm ebda persuna akkużata u għalhekk hu impossibbli li wieħed japplika il-gradwatorja tal-piena stabbilita fl-artikolu 104 u 105 tal-Kodiċi Kriminali. Lanqas ma wieħed jista' japplika il-piena provduta fl-artikolu 108 tal-Kodiċi Kriminali, kif qed tipprova tagħmel il-prosekuzzjoni f'dan l-Att tal-Akkuża, għax l-artikolu 108 jiddisponi testwalment li : "**kull min, f'kull kaz ieħor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-subartikolu, jaħlef il-falz quddiem Maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor....jeħel....**".

(3) Illi mill-istess kliem introduttorju ta' dan l-artikolu jidher li dan japplika biss għal kull kaz ieħor mhux imsemmi fl-artikoli preċedenti **kollha** tas-subtitolu, inkluz, ovvjament, l-artikolu 102 tal-Kodiċi Kriminali. La darba dan l-artikolu stess jgħid li japplika biss għal każi li m'humiex koperti bl-artikoli preċedenti u ċjoè minn 100 sa 107 tas-Sub-titolu III, ma tistax tabbinah mal-artikolu 102 u tużah biex minnu tieħu il-piena, li, kif intqal

mhux stabbilita fl-artikolu 102. L-artikolu 108 joħloq reat "*ad hoc*" espressament dikjarat separat u indipendenti mill-artikoli 100 sa 107 tal-Kodiċi Kriminali;

(4) Fil-fatt, seta' hu l-kaz li l-fatti kontemplati f'dawn il-kapi *tal-Att tal-Akkuża* jaqgħu *taħt l-artikolu 111 tal-Kodiċi* Kriminali. Però, jekk erronjalment l-akkuża ma ġietx inkwadrata taħt dan l-artikolu, dan issa ma jistax isir f'dan l-istadju;

(5) Il-posizzjoni kif kienet fit-testi Ingliżi u Taljani fil-liġi qabel ir-*Revised Edition* tal-1942 turi li kostantement għal kliem "**proċeduri**" jew "***proceedings***" ġew użati fl-artikoli kollha taħt riferenza il-kliem "**causa**" u "***cause***". Jidher għalhekk li l-intenzjoni tal-leġislatur oriġinarjament kienet li bil-kliem "**proċeduri**" jew "***proceedings***" ifisser kawża fis-sens ta' proċeduri kontenzjużi kif nifhmu normalment., ċjoè, fejn ikun hemm *prosekuzzjoni ta' akkużat* fil-kamp penali u fejn ikun hemm kontestazzjoni bejn attur u konvenut fil-kamp ċivili. X'ried jolqot eżattament il-leġislatur joħroġ ċart mit-test oriġinali. F'materja kriminali, il-kliem irid jiġi interpretat f'sens restrittiv u mhux wiesgħa, u ladarba jirriżulta li t-test antik tal-liġi fl-artikolu 100 (illum 102) kien jitkellem fuq "**causa**" jew "***cause***", il-"*free-rendering*" tar-"*Reprint*" *tal-1942 fil-kliem* "**proċeduri**" jew "***proceedings***" trid bil-fors tiġi interpretata li tfisser "kawża" u mhux kull proċedura kriminali;

(6) Għalkemm hu veru li is-"*short title*" fil-marġini m'għandux forza, dan flimkien mal-kliem oriġinali tat-test antik u mal-kontrosens li joħroġ mill-fatt jekk wieħed jipprova joħroġ artikolu wieħed mill-artikoli 102 u 108 tal-Kodiċi Kriminali ikompli juri aktar kemm hi fondata it-teżi tad-difiża fir-rigward.

*Di fatti, fejn it-test tal-artikoli preżenti 104 u 105 tal-Kodiċi* Kriminali jissemmew "proċeduri kriminali" fil-marġini insibu il-kliem "kawżi" u kjarament l-inkjesta maġisterjali ma tistax titqies bħala kawża;

Ikkunsidrat:

Illi verament dan l-ewwel aggravju jipprospetta diversi kwistjonijiet legali ta' ċerta diffikultà u għalhekk din il-Qorti sejra teżaminhom "*funditus*";

Jingħad mill-ewwel li meta ġie promulgat dak li illum huwa l-Kodiċi Kriminali, ir-reat ta' korruzzjoni ta' xhud kien kontemplat fl-artikolu 94 li *inter alia* kien jipprovdi illi "***chiunque, in causa civile o criminale, istruisse o producesse scientemente un falso testimonio, sarà punito come il falso testimonio***" li fit-test Ingliż kien jaqra "***Whosoever, whether in a civil or in a criminal cause, shall suborn or shall knowingly produce a false witness, shall be punished in the same manner as the false witness***";

Sussegwentement dan l-artikolu ġie emendat bl-Att XI tal-1900 però xorta baqa' juża il-kliem "***in causa civile o criminale***" fit-test Taljan u "***in a civil or in a criminal cause***" fit-test Ingliż;

Fl-eżerċizzju tal-reviżjoni tal-Liġijiet ta' Malta tal-1942 l-artikolu imsemmi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 100 flok baqa' juża l-kliem "***in causa civile o criminale***" u "***in a civil or criminal cause***" biddel dawn il-kliem fi "**fi proċeduri ċivili jew kriminali**" fit-test Malti u fi "***in any civil or criminal***

***preceedings''*** fit-test Ingliż;

Tqum allura il-kwistjoni jekk b'dan it-tibdil ġietx estiża l-applikazzjoni tad-delitt kontemplat fl-artikolu *de quo* li llum huwa l-artikolu 102 tal-Kodiċi Kriminali u fl-eżami ta' din il-kwistjoni hu inkombenti fl-ewwel lok li jiġu eżaminati brevement it-***''terms of reference''*** tal-Kummissjoni maħtura taħt il-*Malta Statute Law Revision Ordinance* tal-1936;

Skond l-artikolu 4 (1) (h) ta' dik l-Ordinanza, il-Kummissjoni kellha l-poter li tqassar jew tagħmel aktar sempliċi *l-frażejoloġija tad-disposizzjonijiet u skond l-artikolu 4 (1) (i) li* ssewwi żbalji tal-grammatika u ta' stampa u żbalji oħra fil-kopji tal-Ordinanza u Liġijiet u għal dan l-iskop iżidu, iħallu barra jew ibiddlu kliem **li ma jbiddilx is-sens tad-disposizzjoni tal-liġi;**

Skond l-artikolu 7 tal-istess Ordinanza **''Is-setgħa mogħtija lill-Kummissarju bl-artikolu 4 m'għandhiex titqies bħala li tfisser li huwa għandu s-setgħa li jagħmel tibdil jew emendi fil-materja jew sustanza ta' Ordinanza jew ta' Liġi, jew ta' parti ta' Ordinanza jew ta' Liġi; Iżda l-Kummissarju jkollu s-setgħa li jagħmel tibdil jew emendi li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jagħmlu t-test rivedut tal-liġi jaqbel mat-test oriġinali'';**

Issa m'hemmx dubju li l-frażejoloġija fl-artikolu in kwistjoni tbiddlet u wieħed għandu jifhem li tbiddlet fl-ispirtu u skond *it-**terms of reference** imsemmija tal-Kummissjoni. Għalhekk* ma jistax l-artikolu in diżamina jiġi interpretat bħala li bit-tibdil imsemmi ġie japplika għal każijiet li qabel ma kienx japplika

għalihom jew li addirittura ikkontempla delitt li qabel ma kienx jeżisti għax dan ma kienx fil-poter tal-Kummissjoni li tagħmlu;

Issa hawnhekk żgur mhux il-kaz li wieħed jitkellem fuq żbalji grammatiċi jew żbalji oħra li kienu jirrikjedu korrezzjoni u allura billfors wieħed irid jitkellem biss fl-ambitu ta' tibdil ta' *frażejoloġija biex issir aktar sempliċi, però anki hawn wieħed* irid josserva li dan seta' jsir biss b'mod li s-sustanza tad-disposizzjoni tibqa' identika anzi tkun aktar konformi mal-oriġinal;

Dan stabbilit, jinkombi għalhekk lil din il-Qorti tara x'kien ijipprovdi eżatt l-artikolu *de quo* qabel ma sar it-tibdil imsemmi fil-frażejoloġija tiegħu;

Huwa importanti li jiġi spjegat mill-ewwel li d-distinzjoni bejn dak li hu illum msejjaħ bħala **sperġur** f'kawża u dak li hu magħruf bħala **ġurament falz** ċjoè id-distinzjoni bejn ***perjury*** u ***false swearing*** jew **false oath** kienet teżisti mill-ewwel kif appena ġie promulgat il-Kodiċi Kriminali. Anki l-istess Jameson fir-rapport tiegħu jgħid ***"The offence of "false swearing" simply, or extrajudicial perjury is properly distinguished from the offence hitherto treated of, or judicial perjury, which is an aggravated species of the simple offence"*** u fir-rigward tad-delitt ta' ***perjury*** jgħid ***"The offence of false testimony or legal perjury, includes only false testimony in judicial proceedings. The wilful production of false witnesses or false documents is made punishable as false testimony"***;

**Fil-Kodiċi Kriminali kif oriġinarjament promulgat id-**delitt ta' "*falsa testimonianza*" kien inkorporat fl-artikoli 95

u 96 għal dak li huma kawżi kriminali u fl-artikoli 97 għal dik li hi materja ċivili mentri id-delitt ta' "*falso giuramento*" kien inkorporat fl-artikolu 99;

F'dan il-kuntest għalhekk, jemerġi ċar illi meta l-leġislatur fl-artikolu 94 ta' allura ikkreja id-delitt ta' korruzzjoni ta' xhud kif ġa spjegat bl-użu tal-kliem "*in causa civile o criminale*" u "*falso testimonio*" kien qiegħed neċessarjament jirreferi b'mod univoku għal min jikkorrompi xhud f'kawża ċivili jew kriminali u ma kienx qed jestendi l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu għal min jikkorrompi persuna biex tixhed il-falz fi proċeduri oħra li ma jikkwalifikawx bħala kawżi ċivili jew kriminali. *Multo magis* ma jistax jingħad li kien qed jestendi l-applikazzjoni tal-istess artikolu għal min jikkorrompi persuna biex tieħu ġurament falz (*false oath*) bħala distint minn xiehda falza (*perjury*) għaliex għalkemm min jixhed il-falz f'kawża ikun qed jieħu ġurament falz f'sens ġeneriku il-liġi ma tqiesx l-aġir tiegħu bħala ġurament falz *sic et simpliciter* iżda bħala sperġur, ċjoè bħala falsa testimonjanza mentri min jieħu ġurament falz f'okkazjonijiet oħra li m'humiex kawża ikun qed jieħu ġurament falz iżda ma jkunx qed jikkommetti l-ispergur fis-sens spjegat fuq ta' dak li kienu l-artikoli 95 u 96 u li illum huma l-artikoli 104 u 105 tal-Kodiċi Kriminali;

Ta min josserva f'dan l-istadju li l-kwistjoni jekk il-kliem "*causa civile o criminale*" kinux kapaċi ta' interpretazzjoni wiesa' b'mod li jikkomprendu kawżi oħra li m'humiex kawżi, kienet is-suġġett ta' studju fis-snin li segwew il-promulgazzjoni tal-Kodiċi Kriminali;

Il-Falzon, per eżempju, fil-Monografija tiegħu

"***Annotazioni alle Leggi Criminali***" jeżamina il-kwistjoni jekk il-kliem "***causa civile o criminale***" kinux jinkludu il-każ meta xhud jagħti falsa testimonjanza fi proċeduri quddiem il-*Gran Curia Vescovile* u wasal għall-konklużjoni li tali proċeduri la huma kawżi ċivili u lanqas kriminali u għalhekk ma jidħlux fl-ambitu tal-artikoli imsemmija għalkemm min jieħu ġurament falz f'dawk il-proċeduri jista' jkun ikkommetta reat taħt l-artikolu 105 ta' allura (108 tal-lum) li, kif ingħad kien jitkellem fuq il-ġurament falz (*false oath*). L-istess Falzon, per eżempju, ukoll wasal għal konklużjoni li xhieda quddiem *Court Martial* kienet tammonta għal spergur taħt il-Kodiċi peress li dawn kienu jammontaw għal kawżi kriminali. Ta min josserva hawnhekk li fl-1971 ċjoè aktar minn mitt sena mill-promulgazzjoni tal-Kodiċi l-leġislatur avolja il-kliem "**proceduri kriminali**" huma aktar estensivi minn'"**kawża kriminali**" ħass il-ħtieġa li jinkludi fid-definizzjoni ta' tali proċeduri dawk il-proċeduri taħt l-Att tal-1970 dwar il-Forzi Armati ta' Malta iżda ma speċifikax proċeduri oħra;

Il-Professur Randon, fin-Noti tiegħu, per eżempju, fir-rigward tad-delitt tal-falsa testimonjanza, jew kif isejjaħlu hu il-***falso giudiziale***, *jgħid inekwivokabilment illi* "***dal premesso si deduce ancora che non e' attaccabile di falso la testimonianza data in materia penale nel procedimento istruttorio, per la considerazione che tale testimonianza non diventa finale che nel giudizio definitivo fino alla chiusura del quale il teste puo' ritrattarsi***"; (p.257)

L-istess Professur Randon jispjega inoltre fir-rigward tad-delitt ta' subornazzjoni ta' xhud li l-istess delitt huwa intimament konness mad-delitt tal-"falsa testimonianza" u li dan jemerġi

aktar ċar meta wieħed jikkunsidra li l-leġislatur rabat il-piena għad-delitt ta' subornazzjoni mal-piena tal-isperġur bla alternattivi oħra: *"Il-fatto di chi induce un testimone, perito o interprete a deporre il falso davanti all'autorità giudiziaria non e' stato dal legislatore considerato come compreso nelle ipotesi generali del concorso di più persone nelle stesso reato, ma ha ricevuto una propria e speciale configurazione designata col nome di subornazione gia conosciuta dal Codice Penale Toscano e dal Francese, 1810. Questa rientra nella categoria dei delitti contro l'amministrazione della giustizia in quantoche il subornatore mira ad ottenere che sia asserito il falso davanti ai giudici e da tale punto di vista si connette intimamente colla falsa testimonianza. Subornare significa istigare un testimone a mentire nella deposizione che egli deve dare in giudizio .....Essendo il danno del delitto di subornazione correlativo a quello del delitto di falsa testimonianza cui la subornazione è diretta, la legga poarifica la pena dell'uno e dell'altro delitto..."* pg.261) (sottolinejar tal-Qorti);

Anki il-Professur Buhagiar fin-noti tiegħu hu tal-istess opinjoni. Infatti insibu fl-istess noti:

a) *"It is important to bear in mind that the offence of false evidence is different from that of perjury." (p.26);*

b) Fir-rigward tad-delitt tal-isperġur: *"It is clear from what has been stated above regarding the persons (witnesses, referees and interpreters) by whom a statement must be made to constitute the offence of false evidence and from the main object of the law in making such act a criminal offence (i.e. to*

*ensure the proper administration of justice) that the statement must be made in the course of judicial proceedings;*

***It may also be pointed out here that there is no offence of false evidence if a false statement is made knowingli before a Court of Magistrates of Judicial Police as a Court of Criminal instruction because when the Court is excercising this jurisdiction there is no criminal cause; the Magistrate is simply collecting evidence of a case which will be dealt with by His Majesty's Criminal Court. There will of course be the offence of false evidence if the Court of Magistrates of Judicial Police is acting as a court of Criminal Judiciature."*** (p.28);

ċ) fir-rigward tad-delitt ta' subornazzjoni: "*There is an offence under this article if any one incites a witness, a referee* ***referee or an interpreter, to give, <u>in a civil or in a criminal case, a false evidence, reference or interpretation</u> ;..."*** (p.26) (sottolinejar tal-Qorti);

Fi żminijiet iktar reċenti, il-Professur Sir Anthony Mamo fin-noti tiegħu in materja ta' Dritt Penali, fir-rigward tad-delitt tal-isperġur jgħid hekk;

***"the crime of false testimony can be committed by any person appearing to give evidence as a witness before a judicial authority in a cause whether criminal or civil...It must be a <u>cause</u>, that is to say contentious proceedings which call for a decision. Therefore false evidence given, for instance, in proceedings of a "reperto" or before the Court of Voluntary Jurisdiction will not constitute this crime.***

***Likewise it seems that false evidence given before the Court of Magistrates sitting as a Court of Preliminary Inquiry, does not constitute the crime of the false testimony, because the proceedings before the court are not a cause (e.g. a formal trial where a final decision must be taken – vide Falzon op. cit. page 198). In all these cases the false evidence given on oath may constitute the crime under section 106 (extra-judicial perjury or false swearing")*** (illum artikolu 108)" **(pp.70 – 71);**

Fil-każ in diżamina fil-kapi *de quorum* mill-att tal-akkuża li qed jiġu attakati mill-appellant, l-Avukat Ġenerali qiegħed jallega li l-"**proceduri kriminali**" li għalihom Dr. Pullicino kien ikkorompa lix-xhieda biex jixhdu falz kienu l-inkjesta tal-Maġistrat inkwerenti li saret wara li nstab il-kadavru ta' Nardu Debono. Kif, ġa spjegat, però, dawn il-proċeduri ,a jistgħux jiġu kkunsidrati bħala proċeduri kriminali la għal fini tal-artikolu 104 tal-Kodiċi Kriminali u lanqas tal-artikolu 102 tal-istess Kodiċi li kif ingħad hu abbinat biss mal-kunċett tal-isperġur kif definit fl-artikolu 104;

F'dan il-kuntest, din il-Qorti tapprezza li l-Avukat Ġenerali kellu *problema*, fis-sens li l-artikolu 104 tal-Kodiċi Kriminali, fiċ-ċirkustanzi partikolari, trattandosi ta' ġurament falz f'inkjesta, ma kienx jiswielu, però, fl-istess ħin ma setax jabbina l-artikolu 102 mal-artikolu 108, kif għamel, meta dan l-artikolu jittratta fuq delitt li l-artikolu 102 ma japplikax għalih. Fi kliem ieħor, din il-Qorti qed tgħid li l-artikolu 102 tal-Kodiċi Kriminali jikkreja id-delitt tas-subornazzjoni ta' xhud b'riferenza għal *kawżi* ċivili jew kriminali iżda qatt ma ikkreja l-istess delitt ta' subornazzjoni b'riferenza għal ġurament falz (*extra-judicial*

*perjury/false swearing*) u mhux leċitu li jiġi sostnut illi dan sar possibbli bit-tibdil fit-terminoloġija tal-Edizzjoni Riveduta tal-1942 għax kif ġa spjegat, dan it-tibdil ma setax jikkontempla reati ġodda jew ibiddel is-sustanza ta' reati eżistenti. Dan l-aggravju tal-appellant għalhekk ser jiġi milqugħ;

**Ikkunsidrat:**

It-tieni aggravju ta' l-appellant Dr. Pullicino jirrigwarda id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li tiċħadlu l-eċċezzjoni tiegħu dwar l-inammissibilità tad-dokumenti fil-*proces verbal* li *a tempo debito* ma ġewx iffirmati fuq kull faċċata mit-traskrittur. F'dan ir-rigward l-appellant jissottometti illi biex dokument ikun validu fil-forma tiegħu jinħtieġ li jkollu r-rekwiżiti kollha rikjesti mil-liġi, meta jiġi użat u mhux disa' snin wara. Dawn id-dokumenti ġew użati fil-*proces verbal* li ġie kompilat fl-1980 u dak iż-żmien ried jiġi rispettat il-vot tal-liġi u mhux disa' snin wara meta l-prosekutur intebaħ bl-ommissjoni serja li kienet saret. Għalhekk l-inklużjoni ta' dawk id-dokumenti mhux iffirmati mit-traskritturi tagħhom, fil-*proces verbal*, kienet ħaġa manifestament irregolari u kontra l-liġi u fuq dan ma jistax ikun hemm dubju għax il-liġi titkellem ċar u tond u tirrikjedi din il-formalità importanti "*ad validitatem*". Il-liġi trid li t-traskrizzjonijiet ikunu iffirmati "*a tempo debito*" biex wieħed ikun jista' jikkontrolla mat-"*tape recording*", jekk ikun hemm bżonn ta' verifika. F'dan il-każ meta dawn ġew iffirmati fil-kors tal-aħħar rinviju tal-kumpilazzjoni li damet sejra tmintax-il-xahar, disa' snin wara li ġew traskritti, ma kienx għadu possibbli li jsir dan il-kontroll u dawn ġew iffirmati mit-traskrittur, fuq att ta' fidi biss. Dan il-liġi ma tridux li jsir;

Inoltre la darba x-xhud Noah Zammit ma setax f'dan l-istadju hekk tard jaħlef għall-kontenut u l-awtenticità ta' dawn it-traskrizzjonijiet għax ma kienx għadu jista' jikkollazzjonahom mat-tapes, li fil-frattemp kienu ġew distrutti, dan id-dokument ma sarx awtentiku b'daqqa ta' firma u dokument li mhux awtentiku *ma jistax jiġi esibit fi proċess kriminali*;

L-appellant irrileva ukoll li huwa kien għamel id-debita opposizzjoni għall-esebizzjoni ta' dawn id-dokumenti fl-istadju tal-kumpilazzjoni, meta qamet il-kwistjoni, u l-opposizzjoni tiegħu ma kinetx ġiet akkolta u l-Qorti tal-Maġistrati kienet awtorizzat li jsiru il-firem nieqsa wara disa' snin;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti fl-ewwel lok tara li fil-każ in diżamina l-Att XVI tal-1980 dwar ir-Reġistrazzjoni Elettro-Manjetika ta' Proċedimenti huwa irrilevanti. Inoltre, anki fl-ipotesi li kien rilevanti, l-argument tal-ewwel Qorti li ġa la darba dak l-Att ma jistabbilix eżatt meta t-traskrizzjonijiet għandhom jkunu iffirmati mit-traskrittur f'kull paġna, allura jistgħu jiġu iffirmati minnu fi kwalunkwe ħin, mhux aċċettabbli għax jistultifika kull sens loġiku ta' interpretazzjoni. *Se mai* aktar seta' jiġi argumentat in-nullità mhix espressament komminata minn dak l-Att għan-nuqqasijiet bħal dak lamentat. Però, kif ser jiġi spjegat, dan kollu hu irrilevanti għal każ preżenti;

Infatti, il-Qorti tosserva dan li ġej:

1. It-traskrizzjonijiet in kwistjoni jifformaw parti minn "*proces verbal*" li ġie preżentat fl-atti tal-kumpilazzjoni kontra

l-appellant;

2. Issa skond l-artikolu 550 (1) tal-Kodiċi Kriminali "**il-*proces verbal* magħmul regolarment, jista' jingħata bħala prova fis-smiegħ tal-kawża mingħajr ma jkun jinħtieġ li jinstemgħu x-xhieda, il-periti jew persuni oħra li jkunu dehru fl-access**";

3. Skond l-artikolu 550 (5) tal-Kodiċi Kriminali "***il-proces verbal*** **għandu jitqies li jkun magħmul regolarment jekk ikun fih fil-qosor ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela, lista tax-xhieda mismugħa u l-provi miġbura, u paragrafu finali li jkun fih il-konklużjonijiet tal-maġistrat inkwirenti**";

4. Skond l-artikolu 549 (3) tal-Kodiċi Kriminali "**ix-xiehda tax-xhieda mismugħa fl-aċċess għandha tiġi mdaħħla wkoll fil-*proċes verbal***";

5. Skond l-artikolu 549 (4) tal-Kodiċi Kriminali "**din ix-xiehda għandha tittieħed bil-mod li tittieħed ix-xiehda tax-xhieda li jinstemgħu mill-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala qorti istruttorja, u għandha l-istess effett**";

6) Skond l-artikolu 390 (6) tal-Kodiċi Kriminali "**il-Qorti (Istruttorja), tista', wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, *ex officio*, tordna li t-tweġibiet mogħtija mix-xhud, jew is-sostanza tagħhom, jittieħdu bl-istenografija minn stenografi maħturin għal hekk jew jiġu reġistrati b'mezzi eletromanjetiċi.....Ir-reġistrazzjoni eletromanjetika għandha tiġi traskritta taħt id-direzzjoni tar-reġistratur u t-traskrizzjoni għandha tidħol fl-atti tal-kawża. F'kull kaz,**

**it-traskrizzjoni tista' tkun miktuba bl-idejn jew bit-*typewriter* u għandha *tinqara* lix-xhud, matul is-seduta jew wara, mir-reġistratur li għandu jniżżel nota ta' dak il-qari fit-tarf tat-traskrizzjoni".** Dan is-sub-artikolu daħal fil-Kodiċi Kriminali bl-Att XIII tal-1980 u irregola għall-ewwel darba it-teħid tax-xiehda b'mezzi elettromanjetiċi fil-kors ta' kumpilazzjoni. L-Att imsemmi ġie iffirmat mill-President tar-Repubblika fil-11 ta' April, 1980. Emenda *identika* għal din kienet diġà ġiet introdotta għal proċedimenti taħt il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bl-Att XII *tal*-1978 *li* emenda l-artikolu 595 ta' dak il-Kodiċi;

7. Fid-9 ta' Mejju, 1980 il-President iffirma għall-Att XVI tal-1980 dwar ir-Reġistrazzjoni Elettro-Manjetika ta' Proċedimenti li jissemma fis-sentenza appellata. L-għan ewlieni ta' din il-liġi ġdida kif dikjarat fl-abbozz tagħha kien li jipprovdi għar-reġistrazzjoni u traskrizzjoni ta' proċedimenti u għall-kustodja ta' *tapes* reġistrati;

**8. Illi dan l-Att ma issostitwix dak li kien hemm provdut diġà fiż-żewġ Kodiċijiet imsemmija iżda ipprovda għar-reġistrazzjoni elettro-manjetika ta' proċediment fejn dawn ma kienx hemm pprovdut għalihom diġà jew fejn addirittura kien hemm disposizzjonijiet li intrinsikament jeskludu dan it-tip ta' reġistrazzjoni jew *tehid ta'* xiehda. Dan *jemerġi mill-artikolu* 3 (1) tal-istess Att. L-Att imbagħad mela vojt kbir li kien jeżisti u li jirrigwarda il-kustodja tat-"*tapes*";**

9. Kwantu jirrigwarda il-mod kif isiru it-traskrizzjonijiet huwa veru li l-Att imsemmi jirrikjedi li kull paġna tat-traskrizzjonijiet għandha tiġi iffirmati mit-traskrittur, però

minħabba dak li diġà ingħad l-artikolu relattiv mhux applikabbli għal kumpilazzjonijiet li kienu w baqgħu jiġu regolati mill-artikolu 390 (6) tal-Kodiċi Kriminali li ma jirrikjedix li it-traskrittur jiffirma kull pagna tat-traskrizzjoni u peress li dan l-artikolu japplika ukoll kif inhu għal kaz ta' smiegħ ta' xhieda fil-kors ta' inkjesti tal-Maġistrat kif diġà spjegat, ma teżistix l-irregolarità li qed jivvanta l-appelant;

Għalhekk l-aggravju tiegħu qed jiġi riġettat u l-parti relattiva mis-sentenza appellata ser tiġi konfermata għalkemm fuq bażi legali kompletament differenti minn dik li hemm fis-sentenza appellata;

Ikkunsidrat:

Aggravju ieħor ta' l-appellant Dr. Pullicino ta' ċerta importanza huwa dak relativ għaċ-ċaħda mill-ewwel Qorti li tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jesebixxi il-''*police files*'' intiera dwar Dennis Lyons u dwar il-mewt ta' Nardu Debono;

In lineja ġenerali, l-aggravju tal-appellant huwa fis-sens illi ma jidhirx li din it-talba ġiet miċħuda għax dawn huma irrilevanti jew inammissibbli, imma biss għax il-''*files*'' governattivi huma privileġġjati u allura tista' tinqala xi diffikoltà dwar il-produzzjoni tagħhom;

Fir-rigward ta' dan l-aggravju, l-appellant għamel dawn is-sottomissjonijiet:

1) Permezz tal-''*file*'' dwar Dennis Lyons huwa jrid jistabbilixxi li d-deportazzjoni ta' dan Lyons minn Malta kienet

ilha li bdiet tiġi proċessata **ferm qabel** *l-allegat omiċidju u li dan* ma twarrabx minn Malta biex jiġu mistura xi fatti li seta' kien jaf xi ħaġa dwarhom;

2) Permezz tal-"*file*" dwar il-mewt ta' Nardu Debono jrid jistabbilixxi u jikkontrolla jekk dak li xehdu xi xhieda tal-prosekuzzjoni waqt il-kumpilazzjoni u dak li jistgħu jixhdu waqt il-ġuri hux konformi ma dak li huma stess kienu ddikjaraw fil-fiile relattivi "*a tempo vergine*" u dana ovvjament biex tkun tista' tiġi kontrollata il-veraċità tagħhom;

3) Id-diffikultà' legali li tista' talvolta tinqala dwar il-produzzjoni tal-"*files*" governattivi, ma kellhiex tkun mertu tad-deċiżjoni appellata. Dik il-Qorti kellha tara biss jekk dawk il-"*files*" humiex rilevanti u ammissibbli għal fini tal-Kodiċi Kriminali u tieqaf hemm. Li dawn id-dokumenti huma rilevanti hu ċert għall-istess raġuni li l-ewwel Qorti laqgħet it-talba tiegħu għal produzzjoni ta' deposizzjonijiet ta' ċerti xhieda fil-proċess kriminali kontra Vincent Debono, fejn l-oġġett tal-prova ukoll kien biex jistgħu jiġu kontrollati xi xhieda tal-prosekuzzjoni. Jekk imbagħad wara li dawn jiġu dikjarati rilevanti u ammissibbli għal fini tal-Kodiċi Kriminali, il-Kummisarju tal-Pulizija jidhirlu *li f'dan* il-każ jaqbillu jinvoka il-privileġġ tad-dokumenti governattivi, u jistaħba wara dak il-privileġġ, dik il-kwistjoni tiġi trattata meta tinqala' fl-istadju opportun, jekk tinqala'. Forsi wara kollox fil-każ in eżami, il-Kummissarju tal-Pulizija ma jsibx oġġezzjoni għall-produzzjoni tal-imsemmija *files*. Għalhekk l-ewwel Qorti imissha laqgħet it-talba għall-produzzjoni ta' dawn id-dokumenti "*ut sic*" salva kull kwistjoni li tista' titqajjem dwar il-pubbliċità tagħhom minħabba il-privileġġ, fl-istadju opportun, jekk ikun il-każ, u mhux tiċħad il-produzzjoni tagħhom u tħalli

f'idejn il-Kummissarju jekk jilqax it-talba. Din hija inversjoni tal-posizzjoni legali għax il-Kummissarju tal-Pulizija ma jiddeċidix l-eċċezzjoni preliminari f'ġuri hu. Hu xhud bħal oħrajn, salv xi privileġġ simili li jista' talvolta jekk jħoss il-ħtieġa, imma il-Qorti ma setetx tagħtih is-setgħa li jilqa' it-talba għal produzzjoni tad-dokumenti hu stess;

Jiġi rilevat, hawnhekk, illi l-Avukat Ġenerali fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu preżentata fl-ewwel Qorti fl-20 ta' Ottubru 1989, fir-rigward tat-talba tad-difiża kien iddikjara "li inkwantu hu konċernat huwa ma jopponix għall-produzzjoni ta' dan ix-xhud għal fini imsemmi u limitatamenti għall-finijiet ta'konfront mat-teżi tal-prosekuzzjoni u max-xhieda prodotti minnha u **dan peress li l-istess files ma jistgħu qatt ikunu prova tal-kontenut tagħhom.**" L-Avukat Ġenerali però, irrileva ukoll li "jiġux prodotti jew le l-files msemmija **jispetta esklusivament lill-Kummissarju tal-Pulizija li jiddeċidi**";

Premess dan, fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel aspett li tħoss li għandha tirrileva huwa li l-Kummissarju tal-Pulizija, Alfred Calleja ġie mitlub li jixhed limitatament biex **jesebixxi** il-"*files*" imsemmija u mhux biex jixhed fuq il-kontenut tagħhom u evidentement qed jiġi espressament imsejjaħ is-Sur Calleja għax inzerta huwa preżentement il-Kummissarju tal-Pulizija u għalhekk huwa l-persuna li għandha l-kontroll fuq dawn il-"*files*". Dan kif ser jiġi spjegat huwa punt importanti għas-soluzzjoni tal-kwistjoni devoluta lil din il-Qorti;

It-tieni aspett li għandu jiġi senjalat huwa li l-ewwel Onorabbli Qorti iddeċidit il-kwistjoni fuq il-bażi tal-artikolu 637(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u "l-

**ġurisprudenza relattiva għal dak l-artikolu u partikolarment il-każ klassiku il-Pulizija vs Michael Schiavone"** deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Jannar, 1976 bħallikieku il-kwistjoni fil-fatt ma teżistix mentri fil-verità teżisti kontroversja sħiħa billi l-artikolu 637(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili mhux espressament reż *applikabbli għal* proċessi kriminali mill-Kodiċi Kriminali u is-sentenza imsemmija, kif ser jiġi spjegat, għamlet riservi kbar fl-applikazzjoni ta' dak l-artikolu għall-każijiet kriminali;

*Issa, skond l-artikolu* 637 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili **"ma tistax tintalab l-esibizzjoni ta' ittri, dispaċċi, jew karti oħra li jagħmlu sehem minn korrispondenza ta' dipartiment tas-servizz ċivili, militari, navali jew tal-forzi ta' l-ajru, jew ta' rapport ta' dak id-dipartiment"**;

Illi verament il-kwistjoni, jew kontroversja legali, tqum għaliex filwaqt li l-artikolu 520 (1) (b) tal-Kodiċi Kriminali dwar provi dokumentarji jirrendi applikabbli għal Qrati tal-Ġustizzja Kriminali l-artikoli 627 sa 633 u l-artikoli 635 u 636 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-artikoli 637 tal-istess Kodiċi ma jsemmi xejn. Lanqas ma jsemmih l-artikolu 645 tal-Kodiċi Kriminali, li però, jirrendi applikabbli l-artikoli 590 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jipprovdi illi **"ebda xhud ma jista' jiġi mġiegħel jikxef ħwejjeġ li jkun sar jaf minn rapporti jew minn ittri, dispaċċi, jew karti oħra li għandhom x'jaqsmu mal-korrispondenza ta' dipartiment tas-servizz pubbliku, sew ċivili, kemm militari, navali jew tal-forzi ta' l-ajru"**. Dan wassal għad-domanda ovvja **"jista' jkun li l-leġislatur ried sitwazzjoni "anomala" fejn xhud jiġi**

**ordnat jesebixxi dokument governattiv li dwar il-kontenut tiegħu ma jistax jiġi obbligat jixhed?"** Terġa', imbagħad, bl-artikolu 570 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li hu ukoll reż applikabbli għall-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali **"bil-mandat ix-xhud jista' jiġi mħarrek li jġib miegħu kotba, dokumenti eċċ...li jkun qiegħed jieħu ħsieb tagħhom ix-xhud jew li jkunu taħt il-kustodja tiegħu, inkella li skond il-liġi ix-xhud ikun fl-obbligu li jġib"**;

Issa il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenza tagħha in *re* **Il-Pulizija vs Carmelo Pace** mogħtija fit-18 ta' Ġunju 1955 *per* Harding qalet "*obiter*" li **"il-Qorti ma tistax, skond il-liġi, tordna l-produzzjoni ta' "*file*" uffiċjali"** u żiedet tgħid **"iżda forsi, kien desiderabbli li stante x-xorta tal-kontestazzjoni f'din il-kawża, dan il-"*file*" jiġi prodott"**. Jiġi osservat li, verament, ma jidhirx li f'din il-kawża il-kwistjoni qamet u ġiet dibattuta u għalhekk qed jingħad li dak *li qalet dik il-Qorti qalitu "obiter" u ftit li xejn jista' jkun ta'* valur u huwa indikattiv imma mhux deċisiv;

L-istess Qorti presjeduta mill-istess Onorevoli Imħallef, però fit-28 ta' Ġunju 1958 in re **Il-Pulizija vs Dr. Carmelo Caruana** investiet il-kwistjoni u waslet għal konklużjoni motivata li avolja ma hemmx fil-Kodiċi Kriminali riferenza għall-artikolu 637 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili, eppure ma jidhirx li għandu jiġi negat il-privileġġ tal-Kuruna u **"*in lege ferenda*"** osservat li **"hu rakkomandabbli li l-privileġġ jiġi ristrett kemm jista' jkun, konfermement għat-tendenzi attwali tal-leġislazzjoni u prattika ingliża kif rilevati fil-monografija" imsemmija mill-Qorti fl-istess sentenza"** u jidher li l-Qorti dik ir-rakkomandazzjoni għamlitha peress li ħassitha

prejokkupata li fil-kawża kriminali, għad-differenza tal-kawżi ċivili, fejn huma involuti biss interessi ta' karattru privat, hemm involuti interessi ta' ordni pubbliku bħal ma hija l-libertà personali taċ-cittadin u drittijiet fundamentali tal-individwu li jkollu smiegħ xieraq speċjalment f'kull kawża ta' natura penali;

Ma jidhirx, però, li din il-prejokkupazzjoni tal-Qorti kellha xi segwitu f'sens ta' effett posittiv fuq il-poter leġislattiv li ħalla kollox kif inhu tant li l-kwistjoni reġgħet qamet quddiem l-istess Qorti, din id-darba presjeduta mill-Onorevoli Imħallef M. Caruana Curran, fil-kawża **Il-Pulizija vs Michael Schiavone** ***et*** deċiża fit-23 ta' Jannar 1976;

Din is-sentenza erudita u li daħlet aktar fil-fond minn dik preċedenti fil-kwistjoni in eżami fiha rassenja approfondita ta' dottrina u ġurisprudenza estera, partikolarment dik ingliża, li għaliha din il-Qorti terġa' tagħmel riferenza mingħajr il-ħtieġa li toqogħod tirrepetiha. Però, billi għall-ewwel Onorabbli Qorti qisu il-kwistjoni ġiet definita darba għal dejjem favur l-applikazzjoni tal-artikolu 637 (3) tal-Kodiċi msemmi mingħajr possibiltà ta' kwistjoni ulterjuri, din il-Qorti tara il-ħtieġa li telenka brevement dak li kien ġie deċiż biha, anki għax bħala massima ġenerali sejra isservi f'sens limitat bħala bażi għal din id-deċiżjoni;

F'dik is-sentenza ġie stabbilit dan li ġej:

1) Wieħed ma jistax jitkellem fuq amministrazzjoni tal-ġustizzja bħallikieku l-interess tal-privat fiha ma huwiex ukoll parti mill-interess pubbliku;

2) Dak li fil-liġi ingliża dwar "*evidence*" jissejjaħ "***Crown Privilege***", privileġġ, li jekk u sa fejn jeżisti fl-ordinament legali tagħna jekk tassew jista' jissejjaħ "privileġġ" x'aktarx milli dover dwar il-protezzjoni ta' l-interess pubbliku, illum jinsab ereditat mir-Repubblika;

3) Ma jidhirx li l-omissjoni ta' l-artikolu 637 (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili mill-artikoli 520 u 645 tal-Kodiċi Kriminali kienet tant deliberata u voluta daqs kemm issuġġeriet id-difiża f'dik il-kawża, għax kif jidher l-aħħar u l-unika darba li l-artikolu 645 tal-Kodiċi Kriminali ġie emendat kien fl-1856 (Ord. Nru. IV) mentri l-artikoli 590 u 637 (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili ġew imdaħħla f' dak il-Kodiċi bl-Ordinanza XI tal-1859 (art.28 u 30) mentri l-artikolu 590 kollu tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kien ġa imsemmi **qabel** fl-artikolu 645 tal-Kodiċi Kriminali, b'mod li ma kienx hemm għalfejn jiġi emendat l-artikolu 645 tal-Kodiċi Kriminali billi jissemma t-tieni sub-artikolu tal-artikolu 589 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li ġie miżjud fl-1859. Għalhekk ma jistax jiġi argumentat li l-leġislatur ried jometti ir-riferenza għall-artikolu 637 (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

4) Hemm ukoll l-argument tal-ekwipollenza fis-sens li bl-operazzjoni unita tal-artikoli 570 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bir-riferenza impliċita li dan fih għall-artikolu 637 (3) tal-istess Kodiċi u tal-applikabilità ċerta tal-artikolu 590 (2) tal-istess Kodiċi tinqala' anomalija li twassal għall-assurd jekk il-Qrati jippermettu xhud jesebixxi dokument sħiħ li dwar il-kontenut tiegħu ma jistax jixhed;

5) L-omissjoni tal-artikolu *637* (*3*) tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili mill-artikoli 520 u 645 tal-Kodiċi Kriminali setgħet kienet dovuta ukoll għall fatt li fil-proċess ċivili teżisti il-proċedura tad-*"discovery"* (art. 637(1)(c) li ma tapplikax fil-proċess kriminali u dan billi fil-kriminal id-difiża ma tistax tobbliga lill-prosekuzzjoni tikxef id-dokumenti tagħha u vice-versa. Għalhekk hu loġiku li una volta li r-regola tal-proċedura tal-artikolu 637 (1) ma kienetx tapplika għall-kriminal, ma kienx il-kaz li l-leġislatur jestendi għal-kriminal **eċċezzjoni** għal dik ir-regola taħt l-artikolu 637 (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili;

6) Għalhekk hemm kaz raġonevolment aċċettabbli biex wieħed jirritjeni li bil-forza unita tal-artikoli 570, 590 (2) u 637 (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kombinati mal-artikoli 520 u 645 tal-Kodiċi Kriminali, l-eċċezzjoni għal produċibilità ordinarja ta' kull dokument sanċita taħt l-artikolu 637 (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u *Proċedura Ċivili* mhix assolutament inapplikabbli għal kawżi kriminali flimkien ma l'hekk imsejjah "privileġġ" tal-Gvern, ta' oriġini ingliża, salvi ukoll d-disposizzjonijiet tal-*Official Secrets Ordinance* specjalment ta' l-art.6 (1) (a) tagħha, li jsib l-eku tiegħu fl-artikolu 642 (2) tal-Kodiċi Kriminali stess dwar l-obbligu tal-Qorti li tirrispetta is-segretezza ta' min hu marbut biha;

7) **Anki fl-ipotesi li l-imsemmi artikolu 637 (3) tal-proċeduri ma japplikax għal kriminal , dak il-privileġġ daħal fid-drittijiet tal-Kuruna f'Malta, u illum jinsab ereditat mir-Repubblika bħala *parti mid-dritt* pubbliku Ingliż u speċjalment mill-prinċipji u l-ispirtu tal-"*law of evidence*"** ingliż komunement aċċetat f'Malta in lineja di massima u bħala gwida ġenerali;

8) Isegwi, għalhekk, li fi kwalunkwe każ, fil-kriminal, jibqa' ukoll validu il-prinċipju li l-interessi tal-akkużat għandhom jiġu rettament tutelati fil-limiti anki ampji permessi mill-liġi u f'dan ir-rigward dik il-Qorti irriferiet għal dak li jgħid il-Cross "ON EVIDENCE", p.270 u ċjoè: ***"Rules under which evidence is inadmissable on the ground of professional privilege or public interest must yield in situations in which the reception of the evidence might establish innocence at a criminal trial or at least enable the accused to resist an allegation of crime"*** regola li hi ġeneralment limitata bl-esekuzzjoni tal-identità tas-sorġenti ta' informazzjoni tal-pulizija. Dik il-Qorti inoltre semmiet ukoll l-artikolu 519 tal-Kodiċi Kriminali u d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar "*human rights*" u "*fair trial*" li juru li għandha tiġi assikurata d-difiża ġusta tal-imputati. Kliem li fil-fehma tal-Qorti mgħandhomx ifissru biss li l-Qorti tipprovdi l-imputat b'difensur imma imorru oltre minn hekk fl-ispirtu u intelliġenza tagħhom skond is-sistema liberali tagħna;

Ikkunsidrat:

Illi l-kwistjoni legali devoluta lil din il-Qorti assolutament mhix daqstant ċara u *di facile soluzione* bħal ma ratha u qatgħatha l-ewwel Onorabbili Qorti li kif ġa ġie spjegat rat fis-sentenza in re Schiavone ċerta assolutezza li ċertament ma teżistix fiha. Din il-Qorti, għalhekk, ħasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni kemm fil-kuntest taż-żewġ sentenzi ċitati, kif ukoll fid-dawl tal-iżvilupp in materja kemm fl-ingilterra u band'oħra u fuq kollox fid-dawl ta' dak li tipprovdi l-liġi tagħna;

Din il-Qorti tibda biex tgħid illi kieku l-leġislatur

espressament irrenda applikabbli l-artikolu 637 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għal proċessi penali, illum, li l-Konvenzjoni Ewropeja għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali tifforma parti integrali mill-liġi tal-pajjiż, ukoll il-posizzjoni ma kenitx tkun assoluta daqs kemm piġintha *l-ewwel* Onorabbli Qorti. *Infatti, il-Qorti* Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem kellha diġà opportunità tinvesti il-kwistjoni fil-kaz ta' **Gaskin vs United Kingdom** deċiż fis-7 ta' Lulju 1989. Il-Qorti tal-Appell Ingliża in re ***Gaskin vs Liverpool City Council*** (1980) 1. W.L.R. 1549 kienet qatgħatha li l-"*local authority*" ma kenitx tenuta tipproduċi il-"*case notes and records to a child in care*". Gaskin kien sussegwentement ilmenta quddiem quddiem il-Kummissjoni tal-Qorti Ewropej fuq il-fatt li d-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali Ingliż kien ippermettielu jara biss 65 minn 352 dokument formanti il-"*file*" li kien jirrigwardah. Il-Kummissjoni irriferiet *il-każ lill-Qorti Ewropej għax* dehrilha li setà jkun hemm ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni msemmija. Il-Qorti Ewropeja fis-sentenza tagħha irrikonoxxiet illi l-fatt "*ut sic*" l-istat jirriserva għalih id-dritt li ma jiżvelax il-kontenut ta' "*files*" governattivi speċjalment meta dan ikun jikkontjeni informazzjoni permezz ta' "*l-informers*" bħala tali ma kienx neċessarjament jivvolja l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni in lineja ta' prinċipju, iżda kien neċessarju ukoll li jintlaħaq grad ta' proporzjonalità bejn l-interessi kontrapposti fis-sens li kien impellenti li jkun hemm organu indipendenti b'ġurisdizzjoni li jiġġudika fuq il-korrettezza tar-rifjut da parti tal-awtorità governattiva li tiżvela l-informazzjoni. F'dan każ id-dipartiment imsemmi kien irrufjata għax l-"*informers*" ma kinux taw il-kunsens tagħhom biex jiġu żvelati u l-Qorti Ewropej irrevelat li nkwantu ma kien jirriżulta ebda mezz ta' kontroll da parti ta' organu indipendenti in grad

li jistabilixxi jekk ġiex salvat in konkret il-prinċipju tal-proporzjonalità bejn interessi opposti, ir-rifjut kien jivvjola l-artikolu 8 imsemmi;

Jekk din hi l-posizzjoni kristallizzata in materja ċivili mill-Qorti Ewropej, hi ovvja il-prejokkupazzjoni ta' din il-Qorti għal dak li jirrigwarda proċeduri kriminali, fejn mhux biss l-istat fil-maġġoranza assoluta tal-każi hu wieħed mill-partijiet iżda anki, kif ingħad, l-artikolu 637 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma ġiex reż applikabbli għal proċess kriminali. Din il-prejokupazzjoni tal-Qorti tkompli tiżdied għaliex il-kunċett ta' privileġġ in materja penali lanqas l-istess Ingliżi ma żganċjaweh minn mal-kunċett l-ieħor ta' interess pubbliku liema interess pubbliku ma jistax ma jikkomprendix ukoll l-interess pubbliku li tiġi amministrata ġustizzja skond il-ħaqq. Lord Upjohn in *re* **Conway vs Rimmer** (1969). All E.R. 874 *inter alia,* qal: "*On the one side there is the public interest to be protected; on the other side of the scales is the interest of the subject who legitimately wants production of some documents, which he believes will support his own or defeat his adversary's case. Both are matters of public interest, for it is also in the public interest that justice should be done between litigating parties by production of all documents which are relevant and for which privilege cannot be claimed under the ordinary rules. They must be weighed in the balance one against the other*".;

L-Archbold: Pleading, Evidence and Practice in Criminal Cases, 42 nd. Ed., par. 12-13 in materja ta' "*Crown Privilege*" jgħid: "***Witnesses may not be asked, and will not be allowed, to disclose facts or produce documents the disclosure of which would be prejudicial to the state or the public service. It was***

***formerly thought that a minister's affidavit that disclosure would be so prejudicial was final and conclusive. In Conway vs Rimner (1968) AC 910, HL, however, the House held that the Court had power to decide whether the public interest in non disclosure was outweighed by the public interest in seeing that justice was not frustrated by non production of evidence. It was further held that the Courts had power to compel production for inspection by them***";

Tista' issir ukoll riferenza f'dan il-kuntest għas-sentenzi l-oħra ingliżi in *re* **Rogers vs *Secretary of the State for the Home Department (1973)*** A.C. 388, 406 u ***Burmah Oil Co Ltd. vs Bank of England*** (1980) A.L. 1090, H.L.;

Fil-kaz tal-Kodiċi Kriminali tagħna, din il-Qorti, kuntrarjament għal dak li ġie ritenut fiż-żewġ sentenzi preċedenti ġa msemmija, ma taqbilx li teżisti neċessarjament l-anomalija li jekk l-artikolu 637 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili mhux applikabbli għal kawżi kriminali, jiġri li xhud jiġi imġiegħel jipproduċi dokument governattiv li skond l-artikolu 590 (2) tal-istess Kodiċi mhux tenut jiżvela informazzjoni fuqu. Il-kaz preżenti, inzerta jippreżenta wieħed minn dawk il-każi fejn din il-kontradizzjoni ma teżistix. Infatti, altru jintalab dokument minn file governattiv biex tiġi stabbilita il-vera esistenza tiegħu u altru xhud jiġi imġiegħel jagħti informazzjoni fuq dak id-dokument. Iż-żewġ affarijiet m'humiex l-istess. Kieku kienu l-istess, kieku fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma kienx ikun hemm il-ħtieġa ta' l-artikolu 590 u tal-artikolu 637 *għax bl-istess argument wieħed minnhom kien ikun* biżżejjed. Fil-kaz preżenti l-appellant qed isostni li fil-file tal-pulizija jeżistu dokumenti li jippruvaw li l-proċeduri għad-

deportazzjoni ta' Dennis Lyons inbdew qabel ma intqala' il-każ tal-mewt ta' Nardu Debono u dan biex jikkontesta kwalunkwe allegazzjoni li qed jgħid li hemm kontrih li, bħala l-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak in-nhar, wara li nstab il-kadavru ta' Nardu Debono kien ħa passi biex jiġi deportat Lyons li seta' jagħti xi ħjiel fuq il-mewt ta' Debono. Hawn mhux qed jintalab li x-xhud li ser jippreżenta dan id-dokument jew dokumenti jixhed ukoll fuq x'jaf u x'ma jafx fuqhom. Għalhekk, inkwantu ġie qabel ritenut illi teżisti l-anomalija imsemmija din il-Qorti ma tistax taqbel. Tista' xi kultant teżisti din l-anomilja, però, la dan mhux assolut, il-potenzjalità ta' din l-anomalija f'ċerti kazijiet ma jista' jkollha ebda valur fit-teorija;

Anqas ma tista' taqbel din il-Qorti li minħabba li kif qalu dawk iż-żewġ sentenzi, jekk hemm lakuna fil-Kodiċi Kriminali tagħna, allura bl-applikazzjoni tal-prinċipji tad-dritt pubbliku Ingliż daħal fis-sistema proċeduali tagħna il-privileġġ imsemmi. Din il-Qorti ma taqbilx għal dawn ir-raġunijiet:

a) Fl-ewwel lok, jekk veru hemm lakuna, u jekk veru sa ċertu żmien ilu kien validu wieħed jgħid li f'każ ta' lakuna japplikaw il-prinċipji tad-dritt pubbliku Ingliz, stante li kien qed jiġi ritenut li teżisti kwistjoni li kienet tirrikjedi interpretazzjoni, *se mai*, kellu japplika il-prinċipju ingliż enunzjat minn Humphreys in *re* Binns vs Wardale (1946) - K.B. 451 u ċjoè illi "***if an Act of Parliament is so drawn that it is really difficult to say what the legislature intended and what facts came within it, the benefit of that obscurity should be given to the accused person***" u mhux jiġi applikat prinċipju li iktar minn prinċipju huwa privileġġ li jġib fix-xejn il-prinċipju tal-"*parity of arms*" li suppost ikun hemm fil-proċess kriminali.

Din il-Qorti tħossha konvinta illi li kieku dak il-prinċipju ġie addotat dawn il-Qrati ma kienux jaslu biex jintroduċu privileġġ favur l-Istat li l-leġislatur, intenzjonalment jew le kien ħalla barra mill-Kodiċi u baqa' ma introduċix anki wara li l-assenza tiegħu ġiet senjalata. Anzi jista' jiżdied illi jekk forsi l-leġislatur wara is-sentenza in *re* Caruana *supra*, seta' ma jarax il-bżonn li jintroduċih billi wara kollox l-istess Qrati kienu ammetweh huma stess (b'rakkomandazzjoni biex isir xi ħaġa fir-rigward), din ir-rassikurazzjoni ma setetx tibqa' valida wara is-sentenza in re Schiavone billi dik il-Qorti ma kinetx assoluta fl-apprezzament tagħha jekk dan il-privileġġ kienx jeżisti jew le u qalet biss li jidher li mhux dejjem jista' jiġi eskluż;

b) Fit-tieni lok din il-Qorti tara li l-eżerċizzju li sar f'dawk iż-żewġ sentenzi, *in ultima analisi*, jammonta għal suppliment ta' ommissjoni da parti tal-leġislatur permezz ta' analoġija, liema prattika wara li Farinaccio kien qal li "***Statuta et constitutiones penales ultra eius verba non extenduntur nec trahuntur ad casus similis***" (Const. LXV, n.23) ma baqetx tiġi applikata fis-sistemi legali ċivilizzati. Fid-dritt penali, il-prinċipju "***ubi eadem ratio ibi idem jus***" ma japplikax u kif jgħid il-Professur Mamo fin-noti tiegħu Vol.1. pg.28 "***If the case before the Court has not occured to the mind of the legislator and is not dealt with by the law, the Court cannot supply the deficiency by invoking a rule of law laid down in respect of a similar case***";

(ċ) Fit-tielet lok, kif diġà ġie spjegat, din il-Qorti ma taqbel xejn li fil-Kodici Kriminali wieħed jista' jitkellem fuq li teżisti l-lakuna li ġiet ravviżata fiż-żewġ sentenzi imsemmija u dan

*kemm għaliex ma teżistix* b' *mod* assolut l-anomalija li ssemmiet kif ukoll għaliex nonostante s-snin li għaddew u s-sentenza in re Schiavone, l-artikolu 637 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili baqa' ma ġiex reż applikabbli għal kawżi kriminali u dan fi żmien meta fl-istess Ingilterra dan it-tip ta' privileġġi li jiġu dejjem aktar ċirkoskritti u meta fl-Ewropa saru l-iżviluppi *li* ssemmew. Dana jirrendi *ukoll bla utilità l-eżerċizzju* li sar fiż-żewġ sentenzi imsemmija biex jiġi stabbilit jekk din il-"lakuna" kinetx intenzjonata jew le jew jekk kienx hemm ġustifikazzjoni għaliha. Fil-fehma ta' din il-Qorti speċjalment u proprju minħabba li si tratta ta' privileġġ, u privileġġ assolut aktar milli qatt kien fl-Ingilterra, il-fatt biss li l-legislatur ma introduċihx espressament fil-Kodiċi Kriminali, huwa determinanti u riżolutorju;

Ikkunsidrat:

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi, għalhekk, din il-Qorti sejra tirrevoka il-parti relativa mis-sentenza appellata u tilqa' it-talba tal-appellant għall-produzzjoni tad-dokumenti imsemmija però fis-sens infraskritt;

Infatti, jiġi preċiżat għal kull buon fini li din il-Qorti, fiċ-ċirkustanzi ma tistax u mhux qed tammetti *l-files intiera in* kwistjoni iżda biss limitatament għal dawk id-dokumenti jew informazzjoni fihom kontenuta li għandhom x'jaqsmu mal-oġġett tagħha u ċjoè:

a) fir-rigward tal-*file* dwar Dennis Lyons dak kollu li jipprova li l-proċeduri għad-deportazzjoni tiegħu inbdew qabel ma ġrat il-mewt ta' Nardu Debono;

b) fir-rigward tal-*file* dwar il-mewt ta' Nardu Debono, dawk id-dokumenti li fihom hemm riportati dikjarazzjonijiet ta' persuni li xehdu fil-kumpilazzjoni u li l-prosekuzxzjoni ser tipproduċi bħala xhieda fil-ġuri u limitatament għal dawk id-dikjarazzjonijiet li huma iffirmati mill-istess persuni u dan għal fini ta' kontroll *li jista' jkun hemm bżonn kif ukoll dawk id-*dokumenti mill-istess *file* li jindikaw dak li l-appellant jgħid li hu ''interess attiv'' tiegħu u ''pressjoni li huwa għamel fuq is-subalterni tiegħu biex dan il-każ jiġi solvut'';

Jiġi finalment preċiżat ukoll li din is-sentenzi ma għandiex titqies bħala li tinteressa l-portata tal-artikolu 590 (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li japplika għal proċeduri kriminali u li bħala tali mhux mertu ta' dan l-appell kif lanqas ma għandu jitqies li din il-Qorti qed tippronunzja ruħha fuq xi privileġġi li jistgħu jirriżultaw favur l-istat taħt l-*Official Secrets Ordinance* jew xi liġi oħra speċjali li jista' jkun hemm;

Ikkunsidrat:

Aggravju ieħor tal-appellant Dr. Pullicino huwa li l-prosekuzzjoni ma ġietx ordnata li tindika l-iskop u r-rilevanza tax-xhieda tagħha. *Meta huwa għamel din it-talba dan ma* għamlux b'xi kapriċċ frivolu jew b'xi ''patta wara patta'' kif qalet l-ewwel Onorabbli Qorti. Infatti minn eżami bir-reqqa tal-atti tal-kumpilazzjoni, jidher ċar, skond l-appellant, li hemm kwantità kbira ta' xhieda li xehdu għal xejn u ma kkontribwew xejn għall-proċess. L-artikolu 438 (4) tal-Kodiċi Kriminali fil-*proviso* tiegħu jgħid li l-Qorti tista' *ex officio* jew fuq rikors tal-Avukat Ġenerali jew tal-akkużat titlob li dak li jrid jiġi pruvat bix-xhieda jiġi dikjarat. Għalhekk ladarba huwa għamel it-talba

bir-rikors kif imiss, il-Qorti imissha ddekretat dwaru u ġagħlet lill-prosekuzzjoni tiddikjara l-oġġett tal-prova. Jekk dan ma sarx a *tempo debito*, dan in-nuqqas serju li jinfiċja l-proċeduri odjerni billi b' dal mod hu ġie priv milli jopponi għall-produzzjoni tagħhom minħabba nuqqas ta' rilevanza;

Ikkunsidrat:

Illi indipendentement mill-aspett ta' kapriċċ jew le, l-artikolu 438 (4) proviso tal-Kodiċi Kriminali ma jimponix fuq il-Qorti l-obbligu li kull darba li ssir talba biex jiġi dikjarat l-oġġett tal-prova għandha tilqa' l-istess talba. L-użu tal-kelma "tista'" (fit-test Ingliż "*may*") fil-kuntest ta' dan l-artikolu huwa fakultattiv u diskrezzjonali;

Għal dik li hi diskrezzjoni kif eżerċitata mill-ewwel Onorabbli Qorti din il-Qorti, fiċ-ċirkostanzi, ma tħossx li għandha x'tiċċensura fiha;

Fl-aħħarnett jiżdied li mhux korett l-appellant meta jgħid li jista' *a priori* jopponi l-ammissibiltà ta' xhud għax skond hu irrilevanti peress li kif ġa ġie spjegat f'okkażżjoni preċedenti, r-rilevanza *o meno* f'dan l-istadju ma taffetwax il-kwistjoni ta' ammissibiltà;

Għalhekk dan l-aggravju ser jiġi respint;

Il-Qorti issa ser tgħaddi biex teżamina l-appell ta' l-Avukat Ġenerali;

L-Avukat Ġenerali għandu tlett talbiet u dawn ser jiġu kkunsidrati *seriatim*;

Fl-ewwel lok l-Avukat Ġenerali qed jitlob ir-revoka tad-deċiżjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti li tammetti x-xhud Reġistratur tal-Qrati biex jipprovdi lir-Reġistratur tal-Qorti kriminali kopji tad-deposizzjonijiet kollha ta' Vincent Debono u s-suprentendenti Pace u Scibberas fil-process "**Ir-Repubbika vs Vincent Debono**";

Skond l-Avukat Ġenerali, l-ewwel Onorabbli Qorti fid-deċiżjoni tagħha fuq dan il-punt mhux biss injorat għal kollox l-artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali, iżda flok laqgħet talba biex jixhed xhud ordnat il-produzzjoni ta' dokumenti meta ma setetx hekk tordna aprijoristikament il-produzzjoni ta' dokumenti. B'riferenza għal dak li intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti in *re* Ir-Repubblika vs Alfred Zammit tal-11 ta' Ottubru 1985 il-verżjoni li torbot hi dik li xhud jagħti mill-pedana tax-xhieda fil-kors tal-ġuri u mhux x'seta' qal, bil/jew mingħajr ġurament, f'okkażjonijiet oħra u għalhekk ma hux *leċitu li aprioristikament*, jiġu ammessi xhieda jew dokumenti biex tiġi attakkata prova li għadha ma saritx;

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali hu irrilavanti fis-sens li billi r-restrizzjoni msemmija f'dak l-artikolu hija soġġetta għad-deskrizzjoni tal-Qorti u f'dal kaz il-Qorti tat l-awtorizzazzjoni tagħha ma jistax jiġi sostnut li l-artikolu 518 ġie injorat. Anzi kunsidrat li l-ewwel Onorabbli Qorti stess għamlet speċifika *riferenza għalih kien biżżejjed biex ma issirx* l-osservazzjoni li saret;

Kwantu għal mertu proprju jiġi osservat:

i) wieħed mill-modi rikonoxxuti mid-dritt proċedurali tagħna biex tiġi attakkata l-kredibilità ta' xhud huwa proprju billi jiġi pruvat li f'okkazzjonijiet oħra huwa kien għamel dikjarazzjonijiet li ma jaqblux max-xiehda li jkun qiegħed jagħti. Din il-prova tista' issir anki mill-istess parti li tkun ipproduċiet ix-xhud (*art. 584 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura* Ċivili applikabbli ukoll għal proċessi kriminali);

ii) Skond l-artikolu 586(1) Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ukoll reż applikabbli għal proċess kriminali "qabel ma tiġi attakkata l-kredibilità ta' xhud bi provi li f'okkazzjonijiet oħra huwa kien għamel *dikjarazzjonijiet li* ma jaqblux max-xiehda tiegħu, għandhom jingħadu lilu dawk id-dikjarazzjonijiet biċ-ċirkostanzi ta' żmien, tal-lok u tal-persuni preżenti u huwa għandu jiġi mistoqsi jekk kienx għamel jew le dawk id-dikjarazzjonijiet u għandu jiġi lilu mogħti li jispjegahom". Inoltre skond it-tieni inċiż tal-istess artikolu "jekk dawk id-dikjarazzjonijiet kienu saru bil-miktub, għandhom jiġu murija lix-xhud qabel ma ssirlu ebda mistoqsija fuqhom";

iii) Issa hu veru li billi l-ġuri għadu ma sarx ma jistax *a priori* jiġi tenut li t-tlett xhieda msemmija ser jixhdu kontra jew differenti *minn dak li xehdu fil-ġuri* ir-Repubblika *vs* Vincent Debono, però hawn qegħdin f'kamp proċedurali partikolari fejn proprju biex jiġu evitati sorpriżi u intralċjar fil-prosegwiment tal-ġuri l-liġi tirrikjedi li mhux biss ix-xiehda jiġu dikjarati minn qabel iżda ukoll li l-ammissibilità tagħhom b'riferenza għal prova prevista tiġi deċiża fl-istadju preliminari jekk tiġi kontestata. Din il-Qorti, għalhekk ma tistax tifhem kif jista' jkun sostnut *li l*-alternattiva suġġerita mill-appellant Avukat Ġenerali tagħmel sens mentri d-deċiżjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti ma tagħmilx

sens. Infatti din il-Qorti tara li f'dan l-istadju d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li tammetti lir-Reġistratir tal-Qrati biex jesebixxi l-atti msemmija hija perfettament legittima u ma tarax sens li l-produzzjoni ta' dawn id-dokumenti tiġi proposta għal x'ħin tinqala' n-neċessità tagħhom, speċjalment fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u tenut kont li l-Avukat Ġenerali mhux qed jopponi li meta tinqala' l-ħtieġa tal-konfront dawn l-atti jintużaw għall-iskop dikjarat. Dawn l-atti biex jiġu użati kienu jirrikjedu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti u l-uniku mod biex jiġi assikurat kontroll speċjalment fuq entità u awtentiċità huwa li jidħlu fil-proċess issa;

Għalhekk dan l-aggravju ser jiġi respint;

It-tieni aggravju ta' l-Avukat Ġenerali jirrigwarda d-deċiżjoni tal-Qorti li tammetti bħala xhud lill-*clerk* tal-Kamra tar-Rappreżentanti biex jeżebixxi l-interpellanza u risposta parlamentari nru. 3142;

Ikkunsidrat:

Illi huwa veru li l-liġi tirrikjedi l-aħjar prova, però, b'daqstant ma teskludix l-ammissibilità ta' provi sekondarji speċjalment meta dawn ikunu l-uniċi provi disponibbli jew huma intiżi biex isaħħu l-aħjar prova. Dan apparti l-fatt li l-valur probatorju finali tal-prova m'għandux x'jaqsam ma' l-aspett ta' ammissibilità. Il-valur tagħha bħala prova se mai ikun jispetta lill-Qorti li tindirizza l-ġurati fuqu u l-istess ġurati li japprezzawh;

Għalhekk anki dan l-aggravju ser jiġi respint;

L-aħħar aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali jirrigwarda d-deċiżjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li tammetti bħala xhud lill-Agnes Magri;

Skond l-Avukat Ġenerali l-oġġett tal-prova li l-akkużat iddikjara li jrid jagħmel b'dan ix-xhud hu għal kollox ġeneriku u mill-aktar nebuluż u priv minn kull rilevanza għall-mertu tal-każ. Skond l-Avukat Ġenerali jidher li dwar din ix-xhud il-Qorti Kriminali nsiet tipprovdi speċifikament u minflok ipprovdiet billi ammettietha flimkien ma' oħrajn limitatament għall-iskop u fini kif dikjarat;

Ikkunsidrat:

Illi Agnes Magri intalbet biex tixhed dwar il-mod ta' ħajja, ħinijiet ta' dħul u ħruġ u komportament ġenerali ta' l-akkużat li jiġi l-kuġin tagħha u kif dawn il-ħinijiet jirrelataw ma' ħinijiet oħra li jissemmew fil-proċess (ara verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Lulju, 1989);

Illi hu veru li jidher mis-sentenza appellata li l-ewwel Onorabbli Qorti ma daħlet f'ebda konsiderazzjoni fir-rigward ta' din ix-xhud u daħħlitha *"en bloc"* ma' oħrajn. Iżda din il-Qorti ma tarax x'jista' jingħad biex din ix-xhud ma tkunx ammessa tixhed billi l-lament ta' l-Avukat Ġenerali *"se mai"* jirrigwarda l-kwistjoni tar-rilevanza iżda mhux ta' l-ammissibilità;

Għalhekk anki dan l-aħħar aggravju ta' l-Avukat Ġenerali ser jiġi miċħud;

Għal dawn il-motivi tiddisponi miż-żewġ appelli kif ġej u ċjoè:

1) billi fir-rigward ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali tiċħad l-istess;

2) billi fir-rigward ta' l-appell ta' Dr Pullicino:

a) tiċħad l-aggravju tiegħu rigwardanti d-deċiżjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li ma tordnax lill-Avukat Ġenerali jindika l-oġġett tal-prova tax-xhieda minnu dikjarati u għalhekk tiċħad l-parti relattiva mill-appell tiegħu;

b) tiċħad l-aggravju tiegħu rigwardanti l-allegata inammissibilità bħala prova ta' dawk l-atti u folji kollha tal-proċess verbal dwar il-mewt ta' Nardu Debono li ma kinux "*a tempo debito*" iffirmati mit-traskrittur u li ġew iffirmati biss fl-aħħar seduta tal-kumpilazzjoni minkejja l-oppożizzjoni tad-difiża u l-istess talba tad-difiża għall-isfilz tagħhom, u għalhekk tiċħad il-parti relattiva mill-appell tiegħu;

ċ) tilqa' l-appell in kwantu jirrigwarda l-allegata nullità tar-raba', ħames u sitt kapi ta' l-Att ta' l-Akkuża, peress li d-delitt fihom prospettat ma jeżistix fil-liġi;

d) tiċħad l-appell tiegħu in kwantu jirrigwarda l-ammissibilità tal-*police file* intier dwar Dennis Lyons iżda tilqa' l-istess in kwantu jirrigwarda dawk id-dokumenti u informazzjoni fih kontenuti li jindikaw li l-*miżuri* għad-deportazzjoni ta' Lyons inbdew qabel il-mewt ta' Nardu Debono u dan taħt il-kontroll strett tal-Qorti;

e) tiċħad l-appell tiegħu in kwantu jirrigwarda l-*police file* intier dwar il-mewt ta' Nardu Debono iżda tilqa' l-istess in kwantu jirrigwarda dawk id-dokumenti u informazzjoni fih kontenuti, u dan taħt il-kontroll strett tal-Qorti, li juru:

i) x'dikjarazzjonijiet għamlu persuni li xehdu fil-kumpilazzjoni u li huma prodotti bħala xhieda fil-ġuri u limitatament għal dawk id-dikjarazzjonijiet li huma iffirmati mill-istess persuni u dan biss għal fini ta' kontroll li jista' jkun hemm bżonnu fil-kors tal-ġuri;

ii) x'inizjattivi ħa l-appellant meta kien Kummissarju tal-Pulizija fuq il-każ tal-mewt ta' Nardu Debono.

3. Konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata kif ġej u ċjoè billi:

A) tirrevokaha in kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni tan-nullità tar-raba', ħames u sitt kapi ta' l-att ta' l-akkuża sollevata mill-akkużat illum appellant Dr Pullicino u minflok tilqa' l-istess eċċezzjoni u tiddikjara ir-raba', ħames u sitt kapi ta' l-att ta' l-akkuża kontra l-appellant bħala nulli u bla effett;

B) tirrevokaha in kwantu ċaħdet għal kollox it-talba għal produzzjoni tal-*police file* dwar Dennis Lyons u dak dwar il-mewt ta' Nardu Debono u minflok tiddikjara ammissibbli minn dawk il-*files*, fir-rigward tal-*file* dwar Dennis Lyons dawk id-dokumenti u informazzjoni fih kontenuti li jindikaw li l-miżuri għad-deportazzjoni ta' Lyons minn Malta kienu inbdew qabel il-mewt ta' Nardu Debono u fir-rigward tal-*file* dwar il-mewt ta' Nardu Debono dawk id-dokumenti li fihom dikjarazzjonijiet minn

persuni li xehdu fil-kors tal-kumpilazzjoni purchè dawn id-dikjarazzjonijiet iġibu l-firma ta' l-istess persuni u dan biss għal fini ta' kontroll li jista' jinqala' bżonnu fil-kors tal-ġuri u dawk id-dokumenti jew informazzjoni li minnhom jirriżulta x'inizjattivi ħa l-appellant bħala Kummissarju tal-Pulizija ta' allura biex jiġi risolt il-każ tal-mewt ta' Nardu Debono, u dan taħt il-kontroll strett tal-Qorti biex l-esibiti ikunu dawk li huma strettament neċessarji għal każ in diżamina u l-fini tal-prova dikjarat;

Ċ) tikkonfermaha fil-kumplament kollu tagħha.